



P. ĠUŻEPP VELLA OFM

# DR EMMANUEL CARUANA M.D. (1896 - 1961)

F'din is-sensiela dwar il-Presidenti tas-Soċjetà tagħna, din is-sena, jixraq li nfakkru lit-tabib Emmanuel Caruana. Huwa dam sentejn biss.

Twieled fl-10 ta' Diċembru 1896. Ġie mgħammed fit-13 ta' l-istess xahar, fil-knisja Parrokkjali ta' Stella Maris, mill-Kappillan. Dun Franġisk Vinċenz Manchè. Ingħata l-ismijiet ta' Emmanuel, Ignazio u Ġiuseppe-Maria. Missieru kien jismu Amabile u Ommu Catarina Sammut.[1]

Biex dan il-profil ikun komplet kien meħtieġ li nagħmel użu minn artiklu li deher fuqu, minn Tony Terribile, f'Leħen il-Banda Ċittadina "Sliema" tal-1992. Hemm miktub li s-Sur Mabbli (kif kien magħruf) kien negozjant tax-xorb u li kien imexxih mid-dar tiegħu "Crystal Palace" (illum Adelphi Flats) li kienet tinsab f'kantuniera bejn it-Triq il-Prinċep ta' Wales (illum Triq Manwel Dimech) u Triq Ġafar. Kien wieħed mill-aqwa negozji f'Tas-Sliema.

Is-Sur Mabbli kellu disa' wlied, il-kbir fosthom kien l-Isqof Ġorġ Caruana, li għamel isem kbir fil-korp Diplomatiku tal-Knisja. Emmanuel kien iż-żgħir. L-edukazzjoni skolastika tiegħu ħadha għand il-Patrijiet Ġiżwiti, l-ewwel fl-iskola ta' Sant'Injazju Tas-Sliema u wara fil-kulleġġ ta' San Alwiġi, Birkirkara.

L-imħabba tiegħu għall-mediċina wasslitu biex fl-1922 iggradwa bħala tabib u wara ftit mar Ruma jispeċjalizza fil-kura tat-tfal. Iżda l-imħabba lejn il-mużika kompliet tikber fih. L-ewwel tagħlim mużikali ħadu għand is-sinjorina Laura Cortis ta' St Catherine High School, Sliema. Il-lezzjonijiet tal-vjolin kien jeħodhom għand Carlo Flamingo u għal kant kien imur għand Camillo d'Onofrio, li kien is-surmast tal-korijiet tat-Teatru Rjal. Meta kien għadu student ħa sehem fil-preżentazzjoni tal-opra "Norma" ta' Bellini fit-Teatru Rjal.

Lura Malta, wara li speċjalizza fil-kura tat-tfal, huwa żżewweġ lil Giovanna Huber li kienet toqgħod fit-Triq ta' Prinċep ta' Wales ftit 'l isfel minn Triq Santa Marija. Dan iż-żwieġ kien sar fil-knisja Sant'Injazju. Ġew joqogħdu fil-Parroċċa tagħna f'dar Nru. 144 Triq Rudolph u ftit wara fid-dar Nru. 15 Triq Prince Albert (illum Ġużè Ellul Mercer). L-imħabba lejn il-mużika wasslitu biex fl-1934 ġie elett President tal-każin tal-Banda SLIEMA.



## Ħidma fi ħdan is-Soċjetà

Wara li l-Prokuratur Alberto W. Mizzi temm il-kariga tiegħu ta' President, Emmanuel inħatar minfloku. Huwa mexxa l-ewwel laqgħa tal-kumitat fis-27 ta' Awissu 1934.[2] F'Mejju kellu s-sodisfazzjon li jara l-Banda tagħna tiġi mistiedna biex idoqq fl-okkażjoni tal-ġublew tar-Re Ġorġ V fl-1935. Fl-Lulju ta' l-1936, bħas-soltu, il-Banda marret iddoqq fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu f'San Ġiljan. Dakinhar ir-Rev. P. Bernard Farrugia O.C. irregala tazza tal-fidda bħala apprezzament għas-servizz li tat il-Banda.[3] Matul il-presidenza tiegħu għamlet mhux inqas minn ħdax-il servizz barra minn Tas-Sliema u l-festa titulari tagħna.[4] Taħtu wkoll, matul ix-xhur tas-Sajf, baqgħu jsiru r-rappreżentazzjonijiet teatrali fl-1934, 1935 u fl-1936.[5] Ħadem ħafna ħalli s-soċjetà jkollha mezzi ta' introjtu. Insibu li fl-1935 saret fiera kbira ġo Baħar iċ-Ċagħaq. Fl-1936 saru wkoll żewġ fieri fi Qui-Si-Sana. It-tieni waħda saret proprju fis-6 ta' Settembru.[6] Fis-17 ta' l-istess xahar bagħat ittra lis-segretarju bir-riżenja tiegħu minn President u mill-kumitat.[7] Fis-seduta tal-kumitat li saret fil-5 ta' Ottubru 1936 ġie maħtur President onorarju tas-Soċjetà.[8] Huwa min-naħa tiegħu aċċetta din in-nomina b'ittra tiegħu mibgħuta lis-segretarju bid-data tat-8 ta' Ottubru 1936.[9] Dr Caruana dam ftit bħala President. Mill-imħabba li kellu lejn il-mużika żgur li ta pariri siewja biex il-Banda tagħna tieħu formazzjoni soda.

## Il-Mużiċista

Tony Terribile jkompli jikteb li fl-Imnarja ta' l-1937 sofra traġedja kbira li fiha tilef lil ibnu Michael. Din id-diżgrazzja ħasdet lill-familja tiegħu. Għalhekk ħallew id-dar ta' Triq Prince Albert u marru joqogħdu f'Victoria Avenue. Wara l-ħasda tat-traġedja, huwa kompla bix-xogħol ta' tabib u bħala mużiċista. Hekk insibuh idoqq f'żewġ orkestri żgħar, li kienu ferm magħrufa f'Tas-Sliema. Dawn kienu l-orkestra "Straus" li kienu jiltaqgħu għand il-familja Manchè ta' Dingli Circus, u l-orkestra "Możart" għand Edward Naudi f'Nru. 59 Triq Prince of Wales. Huwa kellu wkoll rabta mal-familja Caffari ta' Triq Tonna. Kellu wkoll kuntatt mal-parroċċa ta' Stella Maris fejn spiss kien imur idoqq l-orgni.

Fil-kollezzjoni tal-manuskritti mużikali tiegħu nsibu żewġ kompożizzjonijiet miktuba Għawdex (meta kien evakwat). Fost dawn insibu l-mażurka "Mayflower" li ġiet miktuba f'Marsalforn fl-1941. Ta' l-istess żmien insibu l-kompożizzjoni

"Serenade" kif ukoll il-valz "Triste" komposta fl-1942. Miktuba wkoll f'Marsalforn fl-1941 hja l-kompożizzjoni "Ave Maria". Huwa ddedikaha lil ibnu Michael li kien miet fi traġedja erba' snin qabel.

L-eqdem kompożizzjoni ġġib is-sena 1917 li ġġib l-isem "Lamento del Cipresso". Fl-1919 kiteb il-kanzunetta "E Amor" u fl-1920 tana l-kanzunetta "Se Avessi l'Ali". Tas-snin għoxrin għandna l-kompożizzjoni "Ultimo Canto" fl-1921. Il-marċa "Havana" ġġib is-sena 1927. Fl-istess sena kiteb it-tango "Juana". It-tabib Caruana kien ukoll idoqq iċ-ċimblu u fl-1929 kiteb il-kompożizzjoni għal dan l-instrument li semmieha "Clowns". Tas-snin tletin insibu żewġ tangos "Gitana" fl-1930 u "Diana" fl-1939. "Sogno d'Artista" huwa intermezz miktub fl-1934 li hu ddedika lil ħabib tiegħu Naudi.

Is-snin ta' wara l-gwerra kienu snin importanti fil-karriera tat-tabib Caruana. Insemmu l-melodramma "Id-Dell tas-Saltna" fuq il-librett tas-Salеżjan Carmelo Galea li ġġib is-sena 1948. Din l-opra ġiet esegwita fis-26 u 30 ta' Novembru 1950. Huwa mexxa l-kor u l-orkestra magħmula minn 36 mużikant. Fil-ġabra mużikali tiegħu għandna kompożizzjonijiet oħra bħalma huma "Marthese" (Tango 1944), "Serenade" (1945), "Gypsy Waltz", "Pretty Bay Waltz", "Tarantella" (1951) u kompożizzjonijiet oħra. Huwa wkoll interessanti li fost dawn ix-xogħolijiet ma baqgħux biss manuskritti imma ġew stampati f'Napli permezz tad-ditta Lucia. Dawn kienu L' "Ideale", "Ultimo Canto", "L'Aurora", "Triste Ricordo" u "Canzone Appassionata". Il-ħidma tat-tabib Caruana ġiet fi tmiemha fit-12 ta' Ottubru 1961 meta miet fid-dar tiegħu f'Victoria Avenue, Tas-Sliema. Għaddew aktar minn tnejn u erbgħin sena minn mewtu. Xieraq li ismu jibqa' mfakkar għall-ħidma (speċjalment) mużikali tiegħu.

Huwa magħruf li kien idoqq aktar minn tnax-il strument mużikali fosthom il-"Xylophone" u l-"Musical Saw". Ħafna minn dawn l-istrumenti tgħallimhom waħdu. Kien jagħti diversi kunċerti bi skop ta' karità fit-teatri, knejjes u fi swali oħra.[10]

It-tifkira ta' Dr Emmanuel Caruana M.D., fil-Każin tas-Soċjetà tagħna, tinsab fir-ritratt tiegħu fis-sala prinċipali flimkien mal-Presidenti li mexxew is-Soċjetà.

**REFERENZI**


1. Arkivji Parr. Parroċċa Stella Maris. Liber Bapt. Vol. 1.
2. Winston Zammit, P. Raniero Zammit OFM Cap.: Soċjetà Filarmonika Sliema. p. 49.
3. Id., Ibid, p. 54.
4. Id., Ibid, p. 194.
5. Id., Ibid, p. 58
6. Id., Ibid, p. 59
7. Id., Ibid, p. 59 nru. 4
8. Id., Ibid, p. 48.
9. Id., Ibid, p. 59 nru. 5.
10. Mario J. Schiavone: Maltese Biographies of the Twentieth Century, 1997, p. 147.



# SIMLER'S

## Confectionery

**The House for Ravioli and all sorts of pasta**

*Caterers for:*

WEDDINGS, ENGAGEMENTS AND ALL OTHER OCCASIONS

**64, St John the Baptist Street, Sliema.**

**TEL: 21332710**